MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2010

Numru. 1066/2009

Il-Pulizija
(Sp Sandra Zammit)
vs
George Falzon, iben carmel, imwieled Pieta' fit-22 ta' Frar, 1985, Karta ta' l-Identita numru 142085(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fl-10 ta' Ottubru, 2009 għal ħabta ta' bejn is-1.30 a.m. u it-3.55 a.m. ġewwa l-flat numru 1, Fuq tal-Blat, Block D, Ħal-Qormi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Melanie Bezzina fil-perikolu, iżda bil-ħsieb li jagħmel delitt, liema delitt huwa ta' ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Melanie Bezzina, volontarjament ikkaġuna sfregju gravi u permanenti fil-wiċċ ta' Melanie Bezzina, skont kif iċċertifika t-Tabib Dr. J. C. Abela tal-poliklinika tal-Floriana;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kkometta ħsara volontarja fuq it-telefon ċellulari tal-għamla Prada ta' Melanie Bezzina, liema ħsara ma teċċedix €1,164.69 iżda teċċedi €116.47;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi qabad sikkina kontra Melanie Bezzina;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostażi volontarjament ikkaġuna lil Cristiano Bezzina, ta' sentejn, iben Melanie Bezzina, feriti ta' natura ħafifa, skont kif iċċertifika t-Tabib Dr. J. C. Abela tal-poliklinika tal-Floriana;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi bl-imġieba tiegħu ikkaġuna l-istess Melanie Bezzina u binha Cristiano Bezzina jibżgħu li ser tintuza vjolenza kontrihom u kontra l-propjeta' tagħhom;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ħebb kontra Melanie Bezzina u binha Cristiano Bezzina sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jagħmilhom ħsara;
7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi bil-kliem insolenta u hedded lil Melanie Bezzina u lil binha Crisiano Bezzina;
8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bonordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied;
9. talli kiser il-provvedimenti tal-Probation fejn kien ġie misjub ħati b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
10. talli sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax timbidel.

Il-Qorti ġiet mitluba, jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna ta' ħaddieħor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti.

Rat in-nota tat-22 ta' April, 2010 fejn l-Avukat Ġenerali ddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijjiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 214 u 216(1)(a)(ii) u 222(1)(a) bl'applikazzjoni tal-artikolu 202(h)(v);

b. fl-artikoli 214, 221(1)(3)(a) u 221(1)(a) bl'applikazzjoni ta' l-artikolu 202(h)(v);
c. fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikolu 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikolu 338(b) tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' April, 2010 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2010 fejn l-imputat skuża ruħu ma Melanie Bezzina.

Illi Melanie Bezzina nfurmat il-Qorti li hi qed tgħix ma l-imputat flimkien ma binha Cristiano u ir-relazzjoni tagħhom hi eċċellenti. Minbarra dan, Melanie Bezzina ħafrert lill-imputat u irrinunzat għall-azzjoni kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-ewwel tmien akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tiegħu. Ma ssibux ħati tal-akkużi l-oħra kollha u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi. Rat l-artikoli 214, 216(1)(a)(ii) bl'applikazzjoni tal-artikolu 202(h)(v) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------